MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH R. MICALLEF**

Seduta tat-3 ta' Mejju, 2005

Citazzjoni Numru. 220/2004

**Johan Grech**

**vs**

**Doris BONNIĊI u l-istess Doris Bonniċi li b'degriet tas-26 ta' April, 2004, ġiet nominata kuratriċi deputat biex tirrappreżenta lill-eredi mhux magħrufa ta' Joseph Bonniċi**

**Il-Qorti:**

Rat l-Att taċ-Ċitazzjoni mressaq fis-26 ta' Marzu, 2004, li bih u għar-raġunijiet hemm imfissra, l-attur talab lill-imħarrkin jersqu għall-kuntratt ta' bejgħ u xiri tal-post numru 24, Triq Santa Luċija, Valletta, u dan bi twettiq tal-

jedd ta' għażla minnu (dritt ta' opzjoni) f'dan is-sens, skond kitba tat-30 ta' Novembru, 1998;

Rat li l-imħarrkin laqgħu għall-imsemmija azzjoni b'Nota ta' Eċċezzjonijiet imressqa fis-6 ta' Ottubru, 2004, li biha qanqlu eċċezzjonijiet preliminari dwar is-siwi tal-azzjoni, u kif ukoll fil-mertu billi qalu li l-attur tilef il-jedd li jressaq talba bħal dik li ressaq għaliex, skond il-kitba tat-30 ta' Novembru, 1998, il-jedd tal-għażla tax-xiri tal-post kien jgħodd sa ħames snin minn dak inhar, u sa dak inhar l-attur ma kienx għadu eżerċita dak il-jedd;

Rat ix-xiehda mressqa mill-partijiet bil-meżż tal-affidavit;

Rat id-degriet tal-1 ta' Diċembru, 2004, li bih il-kawża ssejħet quddiem l-Assistent Ġudizzjarju Maria Dolores Gauċi bħala kawża fl-istadju ta' qabel is-seduta (*pretrial*);

Rat ix-xhieda mressqa quddiem l-imsemmija Assistent Ġudizzjarju f'dak l-istadju tal-kawża;

Rat id-degriet tagħha tal-1 ta' Marzu, 2005, li bih il-kawża tqegħdet fuq il-lista tas-smigħ tas-16 ta' Marzu, 2005, ladarba kien ingħalaq kulma kellu jsir fl-istadju ta' qabel is-seduta;

Semgħet it-trattazzjoni bil-fomm mill-avukat tal-imħarrkin;

Rat in-Nota ta' Sottomissjonijiet imressqa mill-attur fil-11 ta' April, 2005[1];

Rat l-atti kollha tal-kawża;

Rat id-degriet tagħha tas-16 ta' Marzu, 2005, li bih ħalliet il-kawża għal-lum għas-sentenza;

***Ikkunsidrat:***

[1] Paġġ. 89 sa 92 tal-proċess

Illi din hija azzjoni li titlob it-twettiq ta' jedd ta' għażla billi jsir kuntratt ta' bejgħ lill-attur ta' ħanut li huwa qiegħed iżomm b'titolu ta' kera mingħand l-imħarrkin;

Illi l-fatti ewlenin li joħorġu mill-atti juru li bi ftehim li sar fit-30 ta' Novembru, 1998[2], Joseph Bonniċi – r-raġel tal-imħarrka Doris Bonniċi – kera l-post numru 42, Triq Santa Luċija, Valletta lil John u Mary Doris miżżewġin Grech, li jiġu missier u omm l-attur. Il-kirja saret bil-kundizzjonijiet imsemmija f'dik il-kitba, fosthom dik li l-kerreja setgħu jagħżlu li jiksbu b'xiri l-istess fond, jew li jdaħħlu 'l ħaddieħor minflokhom fil-kuntratt tax-xiri u bejgħ. Din l-għażla kellha ssir sa mhux aktar tard minn ħames (5) snin minn dak inhar li saret il-kitba tal-kirja, jiġifieri sad-29 ta' Novembru, 2003;

Illi f'xi żmien matul l-1999[3], il-kirja daret minn fuq isem il-miżżewġin Grech għal fuq isem binhom, l-attur, u dan bi qbil mas-sidien tal-post miżżewġin Bonniċi. Saret dikjarazzjoni li din iċ-ċessjoni kienet qegħda ssir bil-kundizzjonijiet kollha tal-ftehim oriġinali tal-kirja u bil-patt li missier u omm l-attur kienu qegħdin jidħlu garanti solidali ma' binhom għal kull rabta u patt ta' dak il-ftehim, partikolarment dak dwar il-ħlas tal-kera. Joseph Bonniċi miet fid-29 ta' Lulju, 1999, u l-att pubbliku *causa mortis* ġie pubblikat fit-22 ta' Frar, 2002[4]. Fit-2 ta' Diċembru, 1999[5], l-imħarrka u l-erba' wliedha taw il-kunsens tagħhom biex il-permessi tal-ħanut iduru fuq isem l-attur;

Illi b'ittra miktuba mill-avukat tiegħu dak inhar stess li kellmu l-ewwel darba fuq il-każ[6] u mibgħuta lill-imħarrka u lill-werrieta ta' żewġha fl-24 ta' Novembru, 2003[7], l-attur għarrafhom li kien wera l-fehma li jwettaq l-għażla li jixtri l-post. Fl-24 ta' Frar, 2004[8], l-attur talab lill-imħarrka u lill-werrieta ta' żewġha b'ittra uffiċjali biex jidhru fuq il-kuntratt ta' bejgħ tal-post fi żmien ħmistax-il jum. Il-kawża nfetħet fis-26 ta' Marzu, 2004;

---

[2] Dok "A" f'paġġ. 5-7 tal-proċess
[3] Dok "B", f'paġ. 8 tal-proċess
[4] Dok "DB1", f'paġġ. 35-8 tal-proċess
[5] Dok "DB3", f'paġ. 47 tal-proċess
[6] Affidavit tal-attur 7.9.2004, f'paġ. 24 tal-proċess
[7] Dok "DB", f'paġ. 66 tal-proċess
[8] Dok "D", f'paġ. 9 tal-proċess

Illi l-Qorti sejra l-ewwel tqis l-eċċezzjonijiet preliminari mqanqlin mill-imħarrka Bonniċi.  Huma jgħidu li l-Att taċ-Ċitazzjoni ma jiswiex u huwa wkoll mankanti għaliex m'huwiex minnu li l-werrieta ta' Joseph Bonniċi ma kinux magħrufa lill-attur.  Dawn l-eċċezzjonijiet, li fil-fatt huma manifestazzjoni tal-istess ilment, ma jistgħux jintlaqgħu. Din il-Qorti kif presjeduta kemm-il darba kellha okkażjoni fl-imgħoddi li tqis eċċezzjonijiet ta' din l-għamla u dejjem imxiet mar-regola li biex att ġudizzjarju jkun ma jiswiex, irid imur kontra xi waħda mill-erba' ċirkostanzi maħsubin fl-artikolu 789(1) tal-Kodiċi tal-Proċedura.  Minbarra dan, ir-regola li n-nullita' ta' att ġudizzjarju hija miżura eċċezzjonali li wieħed għandu jdur għaliha biss f'każi estremi jew li jġibu ħsara li ma tissewwiex lill-parti l-oħra, tibqa' tmexxi l-fehma ta' din il-Qorti meta tqis ilment bħal dan;

Illi l-imħarrkin ma fissru bl-ebda mod taħt liema waħda mill-imsemmija ċirkostanzi taqa' n-nullita' li huma jaraw fl-Att taċ-Ċitazzjoni.  Jissemma li ma kienx sewwa li l-interessi li seta' kellu żewġ l-imħarrka Joseph Bonniċi – li laħaq miet qabel ma nfetħet il-kawża – jitqegħdu taħt il-kenn tal-frażi "eredi mhux magħrufa", meta dawn il-werrieta kienu jew messhom kienu magħrufa lill-attur. B'sostenn ta' dan, huma ressqu dokument magħmula saħansitra f'Diċembru 1999, fejn l-istess werrieta taw il-kunsens tagħhom biex il-permessi tan-negozju jduru fuq isem l-attur, li, ftit taż-żmien qabel, kien kiseb il-kirja tal-post.  Isemmu wkoll l-att *causa mortis* ta' Frar tal-2002, li, billi huwa att nutarili pubbliku, jippreżumi l-għarfien pubbliku ta' terzi;

Illi, madankollu, fil-fehma meqjusa ta' din il-Qorti, dawn il-fatti ma jwasslux biex l-att taċ-Ċitazzjoni jitqies ma jiswiex. Għaliex ukoll kieku l-eċċezzjoni taħt eżami kellha titqies li hija riferenza għall-integrita' tal-ġudizzju, xorta waħda dan ma kienx iwassal għat-tħassir tal-Att taċ-Ċitazzjoni. Eċċezzjoni bħal dik – li ma tressqitx formalment mill-imħarrkin f'din il-kawża – forsi kienet tistħoqq u twassal

biex isiru kunsiderazzjonijiet oħrajn[9]. Imma n-nuqqas ta' integrita' tal-ġudizzju ma jfissirx li l-att ġudizzjarju ma jiswiex: iwassal biss għall-ħelsien tal-parti mħarrka milli toqgħod aktar fil-kawża. Fil-każ preżenti, il-ġudizzju kien integru għaliex ma jistax jingħad li l-imħarrka Doris Bonniċi – ukoll bil-fatt li hija aċċettat il-bandu biex tirrappreżenta l-wirt ta' żewġha – ma kinitx il-kuntradittriċi leġittima tal-pretensjonijiet tal-attur[10];

Illi, fuq kollox, kif isemmu l-imħarrkin infushom f'waħda mill-eċċezzjonijiet taħt eżami, setgħet saret it-trasfużjoni tal-ġudizzju fil-persuni ta' wlied l-imsemmi Joseph Bonniċi. Dan ifisser li jekk kien hemm xi nuqqas fl-Att taċ-Ċitazzjoni, dak ma kienx nuqqas li ma setax jissewwa. Il-liġi nnifisha tgħid li l-eċċezzjoni tan-nullita' tal-atti ġudizzjarji ma tistax tingħata jekk kemm-il darba n-nuqqas jew il-ksur ikun jista' jissewwa taħt kull dispożizzjoni oħra tal-liġi. Din hija riferenza, fost l-oħrajn, għall-artikolu 175 tal-istess Kodiċi. Min-naħa l-oħra, ma kien hemm xejn li jżomm lill-werrieta milli jidħlu fil-kawża minn rajhom *in statu et terminis* jew li jissejħu fil-kawża mill-attur;

Illi għal dawn ir-raġunijiet, il-Qorti m'hijiex sejra tilqa' l-ewwel tliet eċċezzjonijiet tal-imħarrkin u tqis l-Att taċ-Ċitazzjoni bħala mhux milqut minn nullita';

Illi <u>l-kunsiderazzjonijiet ta' dritt fil-mertu</u> jduru mat-tifsira tal-jedd tal-għażla jew opzjoni li ngħata lill-kerrej tal-ħanut fil-klawsola 9 tal-ftehim tal-kirja. Ta' min itenni li l-imsemmija klawsola ddaħħlet ġo ftehim ta' kirja ta' ħanut. Il-ftehim sar fl-1998 u kien jaħseb għal żmien ta' kirja ta' ħames snin li setgħu jerġgħu jiġġeddu mill-kerrej, jekk hekk jagħżel, għal żewġ estensjonijiet oħrajn ta' ħames snin kull waħda. Hekk ukoll il-kerrej kellu l-għażla li jtemm il-kirja billi jagħti lis-sid avviż bil-miktub ta' tliet xhur minn qabel. Il-Qorti temmen li, meta l-attur bagħat l-ittra legali fl-24 ta' Novembru, 2003, lill-imħarrka, huwa kien qiegħed jirreferi għal din il-klawsola u mhux għall-klawsola numru 8

---

[9] Ara, per eżempju, App. Ċiv. **15.1.1992** fil-kawża fl-ismijiet ***Żahra DeDomenico et vs Żahra DeDomenico*** (Kollez. Vol: **LXXVI.i.182**)
[10] Ara, per eżempju, App. Ċiv. **28.1.2000** fil-kawża fl-ismijiet ***Joseph Borġ et vs Francis Vassallo noe***

(kif murija fl-ittra) li m'għandha x'taqsam xejn mal-jedd tal-għażla;

Illi l-klawsola mertu ta' din il-kawża tistipula (Klawsola 9.1) li l-kerrej irriserva l-jedd li jixtri l-ħanut (bid-drittijiet u l-pertinenzi kollha tiegħu u kif ukoll bl-avvjament) f'kull żmien qabel jgħaddu l-ewwel ħames snin tal-kirja bil-prezz miftiehem ta' ħamsa u erbgħin elf lira Maltija (Lm 45,000). Kien maqbul ukoll li s-somma ta' għaxart elef lira Maltija (Lm 10,000) li s-sid irċieva bħala "*key money*" kellha titqies bħala ħlas akkont tal-prezz fuq imsemmi (Klawsola 9.2). Minbarra dan, il-partijiet ftehmu li jekk kemm-il darba jsir il-bejgħ, il-kirja tintemm (Klawsola 9.4) u s-sid jiggarantixxi l-post skond il-liġi (Klawsola 9.5). Fuq kollox, saret riżerva favur il-kerrej li, fuq l-att ta' bejgħ, seta' jressaq lil ħaddieħor minfloku (Klawsola 10);

Illi n-natura tal-jedd tal-għażla f'obbligazzjoni tista' tixxebbah mal-kundizzjoni potestativa[11], għaliex tagħmel tali obbligazzjoni tiddependi minn ġrajja li waħda mill-partijiet fil-kuntratt tista' ġġiegħel li tiġri. Fil-każ preżenti, l-kerrej (liema jedd issa jinsab f'idejn l-attur) kellu għażla li, sa żmien speċifikat, idawwar it-titolu ta' kera tal-ħanut fi proprjeta' billi jixtrih. Il-liġi trid[12] kull kundizzjoni f'patt għandha tiġi esegwita kif il-partijiet x'aktarx riedu u ftehmu li għandha tiġi esegwita. Fil-każ preżenti, jidher li l-partijiet riedu li tali kundizzjoni jew jedd ta' għażla tal-kerrej riedet tkun għall-kisba tal-ħanut b'xiri, bit-temm tal-kirja, u li tali xiri jseħħ fl-ewwel ħames snin tal-kirja. Il-liġi trid ukoll li jekk obbligazzjoni ssir taħt kundizzjoni li għandha tiġri sa ċertu żmien, dik il-kundizzjoni titqies ma seħħitx jekk kemm-il darba jilħaq jgħaddi ż-żmien bla ma l-ġrajja tkun ġrat[13];

Illi l-jedd tal-għażla mħolli f'idejn waħda mill-partijiet fi ftehim huwa l-frott ta' rabta fuq il-parti li tagħti lill-oħra tali għażla. Għalhekk, fid-duttrina, tali jedd ta' opzjoni m'huwiex meqjus bħala wegħda ta' ftehim, imma ftehim milħuq. Kemm hu hekk jinsab mgħallem li "*l'opzione da'*

[11] Art. 1053(2) tal-Kap 16
[12] Art. 1057 tal-Kap 16
[13] Art. 1058(1) tal-Kap 16

*luogo ad una proposta irrevocabile: percio' basta l'accettazione dell'altra parte perche' il contratto si perfezioni, senza che occorra una nuova manifestazione di consenso della parte vincolata alla proposta. ... invece nell'opzione l'irrevocabilita' deriva dall'accordo delle parti e quindi da un contratto.*"[14] Għalhekk hemm kittieba li jqisu li l-jedd tal-għażla m'huwiex ftehim preliminari. Il-Qorti tifhem li dan l-istat ta' ftehim milħuq fil-każ tal-jedd tal-għażla japplika għal dik il-parti li tkun tat lill-oħra dik l-għażla: min-naħa tagħha, ma tista' tagħmel xejn biex twaqqa' dik l-offerta, sakemm il-parti l-oħra tkun għadha fiż-żmien li tilqagħha u teżerċita l-jedd lilha mogħti. Imma, fih innifsu, l-jedd tal-opzjoni jista', jekk jiġi eżerċitat fil-waqt u ż-żmien miftiehem, jagħti ħajja kemm għal ftehim definittiv bl-effetti kollha li jġib miegħu, jew inkella għal kuntratt preliminari, u dan skond il-fehma u r-rieda tal-partijiet magħmula meta jkun inħoloq dak il-jedd;

Illi kemm hu hekk, huwa mfisser ukoll li "*l'opzione da' vita ad un vero e proprio contratto preliminare unilaterale solo nel senso che una sola delle parti – il promittente – e' obbligato a stipulare il contratto in un termine stabilito dalle parti o dal giudice, mentre l'altra – il promissario – , che non e' obbligata, ha il diritto di esigere che si addivenga alla stipula del contratto con preferenza su ogni altra persona*"[15] . Dan ifisser li, jekk min-natura nfisha tan-negozju, l-obbligazzjoni aħħarija teħtieġ ċerti formalitajiet *ad validitatem* biex tidħol fis-seħħ, it-tagħrif waħdu minn parti lill-oħra tal-intenzjoni tagħha li taċċetta l-jedd tal-għażla ma jġibx fil-milja dik l-obbligazzjoni. F'każ bħal dan, il-jedd tal-opzjoni jitqies li għadu f'livell ta' wegħda preliminari, għallanqas dwar in-negozju ġuridiku li għalih dik l-għażla tirreferi;

Illi fil-każ tal-bejgħ u xiri ta' ħwejjeġ immobbli, il-liġi trid li jsir b'att pubbliku biex dan ikun jiswa[16]. Fil-każ preżenti, dan l-element kien meħtieġ biex il-jedd tal-għażla li kellu l-attur jitlaħħam u jieħu sura. Ma kienx biżżejjed għalih li jiddikjara l-intenzjoni tiegħu li jixtri l-ħanut mikri lilu u jieqaf

---

[14] Andrea Torrente Manuale di Diritto Privato (9ª Ediz.), par. 294, paġ. 481
[15] Pescatore-Ruperto Codice Civile Annotato (7ª Ediz), paġ. 1249
[16] Art. 1363(1) tal-Kap 16

hemm. Ried, flimkien mal-parti marbuta u fiż-żmien li kien ġie miftiehem, iwettaq il-pratiki meħtieġa sabiex dik l-għażla tissarraf fi dritt miksub[17];

Illi, fil-każ preżenti, l-imħarrkin iqisu li l-Klawsola 9 kellha x-xeħta ta' att ta' konvenju. Iżidu jgħidu li għalhekk, ladarba l-ħajja ta' dak il-jedd tal-għażla kienet marbuta ma' medda ta' ħames snin minn dak inhar li saret il-klawsola, dak il-konvenju għalaq malli għaddew il-ħames snin. U peress li, sa dak inhar li għalaq dak iż-żmien, l-attur kien naqas li jsegwi l-proċeduri maħsuba mil-liġi f'każ ta' eżekuzzjoni ta' wegħdiet ta' bejgħ[18], allura dik il-klawsola mietet mewta naturali u ma baqgħetx fis-seħħ. Min-naħa tiegħu, l-attur jgħid li dik il-klawsola kienet tagħtih sa l-aħħar jum ta' dawk il-ħames snin biex jagħmel l-għażla; jgħid li dik l-għażla għamilha ħamest ijiem qabel għalaq dak iż-żmien u li kien b'effett minn dak inhar li l-klawsola saret konvenju;

Illi dwar dawn il-pożizzjonijiet konfliġġenti li huma l-qofol tal-kwestjoni kollha bejn il-partijiet f'din il-kawża, il-Qorti tqis li ż-żewġ partijiet iqisu li l-effetti tal-jedd tal-għażla f'dan il-każ kienu dawk ta' ftehim preliminari. Dan jgħodd ukoll għall-attur li jsejjes l-ewwel talba attriċi sewwasew fuq l-artikolu 1357 tal-Kodiċi Ċivili, għalkemm fl-affidavit tiegħu[19] jgħid li insista man-Nutar Grima biex ilaqqa' l-partijiet ħalli jiffirmaw konvenju mas-sid tal-ħanut. Il-Qorti ssib ukoll elementi oħrajn fil-ftehim innifsu (li diġa' semmiethom aktar 'il fuq) li jixhdu li l-partijiet infushom kellhom il-fehma li l-jedd tal-għażla jkun imsawwar fi ftehim preliminari filwaqt li n-negozju ewlieni (il-ftehim tal-kirja) jibqa' bla mittiefes sakemm dik l-għażla ma titwettaqx. In-nuqqas ta' qbil bejn il-partijiet jinsab f'meta beda jseħħ dak il-ftehim preliminari;

Illi l-Qorti, wara qari bir-reqqa tal-ftehim innifisu u ta' x-xhieda tal-partijiet, tasal biex tqis li l-jedd tal-għażla beda jgħaddi minn dak inhar li saret il-kitba ta' lokazzjoni u li l-bejgħ tal-ħanut – kieku l-kerrej ried – kellu jsir f'dak iż-

[17] Ara, App. Ċiv. **5.10.1998** fil-kawża fl-ismijiet ***Paċe et vs Sciortino et*** (Kollez. Vol: **LXXXII.ii.422**)
[18] Art 1357 tal-Kap 16
[19] Paġ. 24 tal-proċess

żmien, jew tal-anqas sa dak iż-żmien tkun inbdiet kif imiss il-proċedura maħsuba biex iġġiegħel lil min wiegħed li jbigħ li jersaq għall-kuntratt. Il-jedd riżervat fil-Klawsola 9 kien biex il-kerrej jixtri, u mhux biex il-kerrej juri x-xewqa li ried jixtri. Is-sitwazzjonijiet li l-attur isemmi fin-Nota ta' Sottomissjonijiet tiegħu ma jistgħux jitqiesu bħala mistħoqqa u ma jseħħilhomx imorru lil hinn minn beżgħat ipotetiċi li l-Qorti ma tħossx li għandha għalfejn tagħtihom piż fiċ-ċirkostanzi;

Illi fin-Nota ta' Sottomissjonijiet tiegħu, l-attur jgħid li l-għażla li huwa jixtri l-ħanut kellu jedd jagħmilha sal-aħħar jum tal-ħames snin miftehma. Madankollu, fil-fehma tal-Qorti, din hija biss tifsira mhux xierqa tal-istess klawsola. Jidher li l-klawsola riedet li l-kerrej jixtri (jew, fiċ-ċirkostanzi, jġiegħel lis-sid jintrabat li jbegħlu) l-ħanut **matul iż-żmien qabel jagħlaq l-ewwel perjodu ta' ħames snin tal-kirja**. Fi kliem ieħor, il-jedd tal-għażla kien marbut mal-fatt li x-xiri ried iseħħ matul dak iż-żmien u mhux biss l-espressjoni tal-fehma li 'l quddiem isir ix-xiri. It-tieni osservazzjoni li l-attur għamel hija li, fil-fehma tiegħu, il-partijiet daħlu f'rapport ġuridiku ġdid. Fid-dawl tal-osservazzjonijiet li l-Qorti għamlet aktar qabel dwar in-natura tad-dritt tal-opzjoni, ma jidhirx li tali sottomissjoni hija mistħoqqa. Lanqas ma tista' l-Qorti taċċetta s-sottomissjoni li bejn il-partijiet ma kien hemm l-ebda terminu ta' żmien miftiehem *a priori*, u dan għaliex kien sewwasew il-perjodu ta' ħames snin imsemmi fil-ftehim li kien it-terminu utli u fatali li fih il-kerrej seta' eżerċita b'mod effettiv il-jedd tiegħu tal-għażla li jixtri;

Illi jirriżulta mhux kontestat li sad-29 ta' Novembru, 2003, l-attur kien bagħat biss ittra legali biex juri r-rieda tiegħu li jixtri l-ħanut u jitlob lill-imħarrka tgħaddilu l-karti ħalli jibda l-proċess tat-tiftix. Il-liġi ma tqisx interpellazzjoni bonarja bħala biżżejjed biex titwettaq il-proċedura maħsuba biex tirrendi eżekuttiva wegħda ta' bejgħ. Il-liġi titlob att ġudizzjarju. Dan sar biss fl-24 ta' Frar, 2004. Dan l-att, meta tressaq, kien tardiv b'madwar tliet xhur u ma setax jerġa' jagħti ħajja lil obbligazzjoni b'kundizzjoni li kienet waqgħet bl-għeluq ta' żmien miftiehem;

Għal dawn ir-raġunijiet il-Qorti qegħda tiddeċiedi billi:

**Tiċħad l-ewwel tliet eċċezzjonijiet** tal-imħarrka Doris Bonniċi f'isimha u wkoll *nomine*, billi m'humiex mistħoqqa fid-dritt u tiddikjara li l-att taċ-Ċitazzjoni jiswa, għaliex m'hemm l-ebda nuqqas fih li jwassal għat-tħassir tiegħu;

**Tilqa' r-raba' eċċezzjoni, u b'konsegwenza ta' dan tilqa' wkoll is-sitt, is-seba' u t-tmien eċċezzjonijiet** billi jirriżultaw mistħoqqa fil-fatt u fid-dritt;

**Tiċħad it-talbiet tal-attur** billi mhux mistħoqqa la fil-fatt u lanqas fid-dritt, għaliex huwa ma wettaqx l-għażla mogħtija lilu fiż-żmien li kien miftiehem;

Tordna li l-attur **iħallas l-ispejjeż tal-kawża**, għajr għal dawk marbuta mal-ewwel tliet eċċezzjonijiet preliminari, li għandhom jitħallsu mill-imħarrka Doris Bonniċi *proprio* u *nomine*.

**Moqrija**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------